*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,682, 22 ta' Novembru, 2016*
*Taqsima B*

**A.L. 386 tal-2016**

## ATT DWAR IL-KONTROLL TAT-TIPJIP TAT-TABAKK (KAP. 315)

### Regolamenti tal-2016 dwar il-Kontroll tat-Tipjip f'Vetturi Privati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9(g) tal-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk, il-Ministru għas-Saħħa għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2016 dwar il-Kontroll tat-Tipjip f'Vetturi Privati.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidhlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2017.

Tifsir.

**2.** Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" tifisser l-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk; Kap. 315.

"minuri" tfisser persuna fiżika taħt l-età ta' sittax-il sena;

"prodott tat-tabakk" tfisser prodotti li jistgħu jiġu kkunsmati u li jikkonsistu, ukoll parzjalment, mit-tabakk, kemm jekk ġenetikament modifikati kemm jekk le, u tinkludi kwalunkwe tagħmir għat-tabakk;

"Suprintendent" tfisser is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika u, fil-qies ta' kull delega jew awtorità mogħtija tinkludi, uffiċjal awtorizzat;

"tagħmir għat-tabakk" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Prodotti u Rekwiżiti għat-Tipjip li Jixbħu Sigarretti jew Tabakk; L.S. 315.09

"vettura" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku; Kap. 65.

"vettura privata" tfisser kull vettura jew parti minnha li mhijiex post pubbliku jew trasport pubbliku, liema vettura tista' jew ma tistax tkun mgħottija totalment jew parzjalment minn saqaf, u li tista' jew ma tistax tkun magħluqa bi kwalunkwe bieb jew tieqa, u tinkludi vettura kemm jekk wieqfa jew miexja.

Projbizzjoni ta' konsum u, jew tal-uzu tal-prodotti tat-tabakk f'vetturi privati

**3.** L-ebda persuna ma tista' tikkonsma u, jew tuża', jew tippermetti li jiġi kkunsmat u, jew użat, fi kwalunkwe ħin, prodott tat-tabakk f'vettura privata fil-preżenza ta' minuri.

Reati.

**4.** Kull min jikser jew jonqos milli jwettaq xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jkun ħati ta' reat u jeħel, mingħajr preġudizzju għal kull responsabbiltà li jkollu taħt kull liġi oħra, multa ta' mhux inqas minn ħamsin euro (€50).

Liġijiet u regolamenti oħra.

**5.** Dawn ir-regolamenti huma bla preġudizzju għal liġijiet u regolamenti oħra magħmulin biex iħarsu aktar is-saħħa tal-komunità mill-effetti kaġunati bl-espożizzjoni għal u, jew il-konsum ta' prodotti tat-tabakk.